# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 417/14/1 LSO**

**Eleazer Galea u martu Nathalie Galea**

**v.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-PL Madeline Firman b'digriet tat-2 ta' Ġunju 2014 ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Tanemara Galea, armla tad-defunt Meshach Galea, u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2014 assumiet l-atti tal-kawża bħala mandatarja tal-assenti Tanemara Galea, Monica Zouari minflok il-kuraturi deputati, u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2014 Jane Rappovalente Briffa assumiet l-atti tal-kawża għan-nom ta' Tanemara Galea flimkien ma' Monica Zouari**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-atturi Eleazar Galea u martu Nathalie Galea minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-

raġunijiet hemmhekk imfissra ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom, u dan wara li laqgħet it-tielet, ir-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-imħarrka Tanemara Galea;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fil-mertu billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

***"MERTU***

***Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:*** *- It-Tielet Eccezzjoni -*

> *"Illi minghajr pregudizzju d-dokument anness u immarkat DOK B fir-rikors mahluf ma jikkwalifikax bhala testment skont il-Ligi."*

*Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jinvokaw id-dritt pretiz taghhom bhala werrieta tad-decujus skont id-dikjarazzjoni maghmula fid-dokument anness bhala Dokument B mar-rikors promotur. Dan jiddependi fuq id-determinazzjoni jekk id-dokument imsemmi jikkostitwixxix testment validu jew le, u jekk ghandhomx jigu attribwiti l-effetti kollha espressi mill-volonta' tad-decujus inkluz it-trasmissjoni tar-rilaxx fuq sehem mill-immobbli sitwat f'Malta a diskapitu tal-armla.*

*Mhuwiex ikkontestat li l-iskrittura inkitbet mid-decujus. Li huwa ikkontestat hija n-natura ta' dik l-iskrittura bhala testment jew, fin-nuqqas, jekk ghandux jitqies bhala suicide note kif issejhilha l-intimata. L-intimata qed issostni li l-iskrittura li kiteb zewgha qabel il-mewt tieghu, li permezz taghha ir-rikorrenti thallew s-sehem indiviz tieghu tad-dar numru wiehed (1) f'Saint Mary Street, Rabat, ma jiswiex bhala testment.*

*Min-naha l-ohra, ir-rikorrenti qed jikkontendu, li l-iskrittura esebita bhala Dok B mar-rikors promotur, huwa testment olografiku, li huwa permess skont il-Ligi Kanadiza, u ghaldaqstant validu billi t-testment inkiteb il-Kanada fejn kien jirrisjedi d-decujus.*

***Validita` Formali:***

*Fl-ewwel lok, irid jigi stabbilit liema ligi tapplika ghad-determinazzjoni tal-validita` formali o meno ta' l-imsemmi testment/u jew skrittura fid-data ta' meta inkiteb. Illi kif tajjeb sottomess fin-nota ta' sottmissjonijiet tar-rikorrent, precedentement, il-validita' formali ta' testment maghmul*

*barra minn Malta kienet regolata bl-**Artikolu 682 tal-Kodici Civili**. Dan l-artikolu kien jiddisponi hekk:*

> *"Testment maghmul barra minn Malta, ghandu effett f'Malta, kemm-il darba jkun gie maghmul skont il-forma li trid il-ligi tal-lok fejn ikun sar."*

*Izda, dan l-artikolu gie abrogat permezz tal-**Att XVI tal-2015**, li jimplementa fil-ligi taghna r-Regolament 650/2012EU. Madankollu, huwa stipulat fl-istess Regolament tal-Unjoni Ewropea, li dan ir-Regolament jibda japplika mis-17 ta' Awwissu 2015. Ghalhekk, fiz-zmien, li d-defunt Meshach Galea kiteb l-iskrittura esebita bhala Dok B, sighat qabel il-mewt tieghu fid-19 ta' Gunju 2013, japplika l-Artikolu 682 tal-Kodici Civili. Isegwi li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 682 huwa l-lex loci actus**, li japplika ghall-kaz odjern - f'dan il-kaz il-ligi vigenti fil-Kanada.*

*Hekk ad ezempju, gie ritenut fil-kaz **Ripard v Vella**[1] "Jekk il-forma ta' testment taqbel ma' kemm tghid il-ligi, f'kemm taqsam is-sura tieghu, jiswa kullimkien....Il-forma tat-testment ghandha tkun regolata skont il-formalitajiet preskritti mill-post fejn it-tesment isir."*

*Illi certament, kaz bhal dan in ezami kien jirrikjedi li ssir "proof of foreign law", f'dan il-kaz, tal-Ligi Kanadiza, dwar is-siwi tad-dokument bhala testment olografiku. Din il-prova tispetta lir-rikorrenti.*

*Illi jekk ma ssirx tali prova, din il-Qorti jkollha tapplika l-ligi Maltja. Difatti fil-kaz **Saliba vs Lawson** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, inghad:*

> *"…chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge; mancando tale prova, e da applicare la legge locale. " (Ara wkoll dwar il proof of foreign law bhala prova ta' fatt: **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2015; **Dr. David Zahra noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar 2018; **Yoke Yee Elaine Camilleri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu 2018).*

*Illi dan huwa relevanti ghall-kaz odjern, stante li r-rikorrenti qed jibbazaw it-talbiet taghhom principalment fuq il-fatt li dak li inkiteb f'Dok B ghandu jinghata r-rikonoxximent ta' testment olografiku validu. Huma jistriehu fuq il-kontenut tad-dikjarazzjoni maghmula mid-defunt fejn jghid car u tond "I want this to be my final will.... would like to express my final wish on how I want my assets to be distributed."*

---

[1] Vol .XIX.ii.520.

*Din il-Qorti m'ghandhiex dubbji dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil dawn il-kliem - li proprju jirraprezentaw l-ahhar espressjoni tal-volonta' tad-decujus. Huwa minnu wkoll li l-intimata qajmet dubbji, uhud minnhom ta' natura serja, dwar il-lucidita' tieghu fil-mument li rrediga dawn il-kliem. Ghalkemm, din il-Qorti hadet konjizzjoni, ta' dak sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata, rigward il-kapacita mentali o meno tad-defunt Meshach Galea, kif riflessa wkoll fl-Ottawa Police Report, esebit fl-atti, tqis li din hija kwistjoni delikata li tirrikjedi stharrig approfondit, li mhuwiex sostanzjat u kkorroborat sufficjentement bi provi, bhal ad ezempju: certifikati medici matul iz-zmienijiet u anke certifikati medici qrib id-data ta' meta Meshach kiteb l-iskrittura Dok B u nehha hajtu. F'kull kaz ma giex eccepit in-nuqqas ta' kapacita' mentali tad-decujus f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-kwistjoni tal-allegat nuqqas ta' kapacita' mentali tesorbita mill-parametri ta' din il-kawza. Ikun il-kaz li ssir din l-indagni jekk jigi rikonoxxut li d-dokument B huwa validu bhala testment olografiku.*

*Il-punt in dizamina jibqa' dejjem jekk dak li nkiteb mid-decujus ghandux jigi kkonsidrat bhala testment validu skont il-lex loci actus.*

*Illi r-rikorrenti jghidu li mhuwiex ikkontestat mill-intimati li d-dokument B huwa testment validu. Din l-affermazzjoni hija manifestament infondata billi l-intimata qed tikkontesta l-validita' tal-iskrittura bhala testment bl-akbar qawwa permezz tat-tielet eccezzjoni taghha. Tant hu hekk li tirreferi ghad-dokument bhala suicide note. Anke fix-xhieda taghha tghid li fittxet parir minn avukati Kanadizi li gharrfuha li d-dokument ma ssoddisfax ir-rekwiziti biex jigi mgharraf bhala testment olografiku billi kien nieqes mid-data u hin ghal dak li jirrigwarda validita' formali. Huma zbaljati r-rikorrenti meta jistriehu fuq l-opinjoni tal-intimata, li, del resto, jirrizulta li interpretawha hazin. Kellhom igibu provi sal-grad rikjest bil-ligi <u>f'dawn l-atti</u> dwar il-kriterji stabbiliti bil-ligi Kanadiza in materja, prova ghal kollox mankanti f'dawn il-proceduri.*

*L-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rriproduciet testwalment xi disposizzjonijiet mil-ligi Kanadiza riferibbilment ghall-elementi formali rikjesti ghall-validita' ta' testment olografiku u tiddisputa xi aspett mid-dokument esebit anke abbazi ta' dawn id-disposizzjonijiet.*

*Madanakollu din il-Qorti, sprovvista minn prova cara dwar ir-rekwiziti formali mposti mil-ligi ta' dak il-pajjiz certament mhix ser tazzarda li tinterpreta hi dik il-ligi. Tosserva li r-rikorrenti lanqas talbu l-hatra ta' espert fil-ligi Kanadiza sabiex tirraporta fuq id-disposizzjonijiet rilevanti u aggornati f'din il-materja.*

*Il-fatt innifsu li r-rikorrent qed isejjah l-iskrittura miktuba minn Meshach Galea bhala testment olografiku, meta mhux korroborat bi provi necessarji dwar kif din l-iskrittura setghet tikkwalifika bhala testment skont il-Ligi Kanadiza, certament mhuwiex argument legali sabiex dik l-iskrittura tkun tista' tikkwalifika bhala testment.*

*Fil-fatt, jigi nnutat, li kif ikkonfermat Tanemara Galea fix-xhieda taghha, l-validita' tad-dokument esebit bhala Dok B ma giex ikkontestat f'Qorti estera b'kawza. Ghalhekk, m'hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' Qorti estera. Tenamara Galea sostniet in kontro-ezami, li hija kienet hadet parir minn avukati fil-Kanada dwar dak li nkiteb minn zewgha f'Dok B u qalulha li ma kienx hemm bzonn li tikkontestah fil-Qorti Kanadiza, ghaliex dak ma kienx jikkostitwixxi testment validu. Izda, anke hija ma ssostanzjatx dan bi prova bil-miktub. Nonostante dan, jigi dedott, li r-rikorrenti da parti taghhom, naqsu milli jipproducu prova kif kien jinkombi fuqhom, ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, li Dok B esebit, jista' jkollu validita` ta' testment taht il-Ligi Kanadiza. Illi gie biss allegat li fil-Kanada huwa permess li testment ikun olografiku, mhux necessarjament notarili. Madankollu, dan ma giex sostanzjat bi provi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Kif tajjeb sottolineat mill-avukat difensur ta' l-intimata fit-trattazzjoni, il-kaz tar-rikorrent ifalli stante li ma ntweriex li l-iskrittura Dok B ghandhiex titqies bhala testment validu.*

*F'tali mankanza, din il-Qorti ser tapplika l-ligi Maltija skont il-gurisprudenza fuq citata, li tirrikonoxxi biss bhala validi testmenti pubblici (**artikolu 654 tal-Kap 16**) jew testmenti sigrieti (**artikolu 655 tal-Kap 16**). Inoltre skont l-**artikolu 672 tal-Kap 16**, in-nuqqas ta' tħaris tal-formalitajiet imsemmja jagħmel it-testment null.*

*Dan premess din il-Qorti tabilfors tikkonkludi li s-successjoni tad-decujus ghandha tigi regolata skont ir-regoli tas-successjoni ab intestato. (**artikolu 788 u 789 tal-Kodici Civili**).*

***Ghaldaqstant tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimata.***

***Ir-Raba' Eccezzjoni:***

> *"Illi minghajr pregudizzju, kontrarjament ghal dak ritenut fir-rikors guramentat huwa risaput li fejn si tratta l-eredita' ta' propjeta' immobilari din hija rregolata bil-ligi tal-pajjiz fejn tinsab il-proprjeta' u cioe` - Lex Situs, u mhux mil-ligi fejn jkun domiciljat it-testatur jew fejn isir it-testment."*

***Ligi Applikabbli***

*Ikkunsidrat, li jrid jigi mistharreg, jekk ghal dan l-immobbli, japplikax il-**Lex Situs**, u cioe`, il-ligi ta' fejn hemm l-immobbli, kwindi l-Ligi Maltija. Dan hu rilevanti billi skont il-ligi taghna, senjatament l-**artikolu 810 tal-Kap 16**:"Meta l-mejjet ma jħallix warajh tfal jew dixxendenti oħra iżda jħalli lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi għal martu jew żewġha."*

*F'dan il-kuntest, huwa insenjat fil-gurisprudenza nostrana, li kull fejn m'hemmx ligi li tapplika ghall-kaz, ghandhom jigu adottati r-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat tar-Renju Unit. Fil-ligi taghna ma jinsabux disposizzjonijiet li jirregolaw id-Dritt Internazzjonali Privat u fi kwistjonijiet li jaqghu taht dan id-dritt il-Qrati Taghna jimxu fuq ir-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat kif huma maghrufin u applikati fil-Qrati*

*ta' l-Ingilterra (**Giovanna Spiteri vs Enrico Soler et** – Qorti tal-Appell – 22 ta' Ottubru 1937; Ara wkoll **Doris Mamo noe vs Bank of Valletta plc** , P.A. 112/2002/1 deciza fit-12 ta' Marzu 2008, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010.*

*Illi l-awturi jaghmlu referenza ghall-principju maghruf bhala "scission", liema principju jirritjeni li "….the destination of movables on the death of the owner is governed by the law of his domicile, whilst the destination of immovable is governed by the law of the situs".[2]*

***Cheshire, North & Fawcett** f'kaz ta' successjoni ab intestato ta' immobbli jinghad:*

> *"…….under the principle of scission, succession to immovable is governed not by the law of the testator's domicile, but by the law of the situs. Accordingly, where the owner of immovable dies intestate, the order of descent or distribution prescribed by the law of the situs is applied by the English court no matter what his domicile may have been."[3]*

*L-awturi Dicey & Morris,[4] enuncjaw l-istess principju ta' dritt.*

> *"The succession to the immovable of an intestate is governed by the law of the country where the immovable are situate (lex situs)".[5]*

*Ghalkemm l-awturi Dicey & Morris, jirreferu ghall-kritika ta' din is-sistema, u jirreferu wkoll ghal diskussjonijiet rigward principji ta' successjoni unitarja u l-principju ta' scission, kif ukoll ghal kazijiet fejn id-decizjonijiet kienu anqas rigidi u aktar flessibli, izda minkejja dan, l-"**lex situs** rule" baqghet tapplika.*

***F'Cheshire's Private International Law**[6] gie insenjat:*

> *"Most foreign countries have adopted the principle of unity of succession by which questions relating to intestacy or to wills are governed by one single law, the personal law of the deceased, irrespective of the nature of the subject matter. The common law of England, however, has consistently adhered to what is called the principle of scission under which the destination of immovable on the death of the owner is governed by the **lex situs**, not by the law of his domicile as in the case of movables.*
>
> *"Accordingly, where the owner of immovable dies intestate, the order of descent or distribution prescribed by the **lex***

---

[2] Cheshire, North & Fawcett; Private Internationa Law 14th edition (Oxford)
[3] Duncan vs Lawson (1889) 41 Ch D394.
[4] Dicey & Morris The Conflict of Laws – Sweet & Maxwell 13th Edition
[5] Balfour vs Scott (1793) Brodie vs Barry (1813); Dundas vs Dundas (1830) Freke vs Cabery (1873) Duncan vs Lawson (1889).
[6] Cheshire's Private International Law 9th Edition PM North Butterworths.

> ***situs** is applied by the English court no matter what his domicile may have been. In the case **Rea vs Rea** (1902), a domiciled Irishman died intestate without issue in Ireland owning land in both Ireland and Victoria. In such circumstances, a widow was entitled by a Victorian statute to a charge of £1,000 upon land in the colony and by an Irish statute to a charge of £500 payable out of the real and personal estate in Ireland. The land in Victoria having been sold and the proceeds remitted to Ireland, it was held that the widow was entitled to £1000 under the Victoria statute, as well as the £500 under the Irish statute, since her rights were those conferred by the **lex situs**.".*
>
> *"With regard to wills of immovable the rule of the common law is that it is the lex situs, and the lex situs exclusively, which decides whether the testator has capacity, whether the appropriate formalities for the making, or for the revocation of a will………………………………..The law of the testator's domicile has no effect upon these matters, whether the subject matter of the will is a is a freehold or a leasehold interest."*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet, ta' l-intimata, gie citat dak ribadit fil-kaz **Elena Mikhailovna Soprounovskaia vs Dr. Noel Bartolo et,** P.A. deciz fit-18 ta' Ottubru 2012, "F'kull kaz hu maghruf li ghal dak li jikkoncerna immobbli ghandha tapplika l-ligi tal-pajjiz fejn jinsab l-immobbli (lex situs)."*

*Fil-kaz **Salvina Xerri proprio et nomine v Dr Richard Sladden et noe**, deciz fil-15 ta' Dicembru 2015, il-Qorti tal-Appell irriteniet:*

> *"Ghalkemm il-proprjeta` immobbiljari in kwistjoni tinsab f'Malta, l-atturi qed jibbazaw it-tezi taghhom ghall-applikazzjoni tal-ligi Maltija mhux a bazi tal-lex situs li, in generali, ghandha tirregola l-materja ghal dak li jikkoncerna immobbli (ara, per ezempju, **Soprounovskaia v. Bartolo noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru, 2012, u **Whelon v. Said** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fis-26 ta' Jannar, 2010), izda fuq il-fatt li, skont huma, il-missier zamm id-domicilju Malti avolja emigra lejn l-Awstralja. Dan qed jinghad peress illi ghalkemm l-Artikolu 310(d) tal-Kodici Civili jiklassifika azzjonijiet dwar wirt bhala immobbli, il-massa ereditarja hija oggett wiehed, proprjeta` wahda, u l-lex situs ta' massa ereditarja hija wkoll il-lex domicilii. L-eredita` hija universitas rerum, haga wahda. Fi kliem il-gurista **Vitali** (Vittore Vitali, "Delle Succcesioni Legittme e Testamentarie" fi Il Diritto Civile Italiano, parte Nona, pag. 10-12),*

> *'L'eredita` e`, quindi, il patrimonio, che il defunto lascia dopo di se`: complesso ideale di attivita` e di passivita`, che, invece di lui, sta a rappresentarlo nei rapporti dei successibili e dei terzi. Percio` l'eredita`, nella mente dei giuristi romani, era una idealita` giuridica (nomen juris), che quel complesso di rapporti rappresentava e cui si attribuiva quasi la funzione di persona giuridica (persone vice fungitur). Ne consegue, che come il patrimonio, cosi` l'eredita` e` una universalita` di diritto (universum jus, omne jus, universa bona). Non sarebbe, quindi, ben definita: "l'insieme delle cose, che hanno la determinazione di passare all'erede", il che invece ben si appella asse ereditario o massa di beni."*
>
> *"Fil-kawza **Smith v. Muscat Azzopardi** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar, 1936, kien gia` gie osservat illi f'materja ta' successjoni, sistema unitarja tal-ligi applikabbli tkun "more reasonable in view of the unity of its effects, whereas a differentiation as regards the law applicable to movables and the law applicable to immovables would be bound to create confusion". Dan intqal b'riferenza ghad-duttrina kif esposta minn **Dumoulin u Savigny**."*

*Kompliet:*

> *"Hekk ukoll qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **De Giovanni v. Mifsud Speranza**, deciza fl-10 ta' Marzu, 1960, fis-sens li, trattandosi ta' wirt 'il-patrimonju hu wiehed'. F'materja ta' wirt hi ghalhekk applikabbli l-lex domicilii tad-decujus. Fuq dan donnhom jaqblu l-partijiet ghax, kif inghad, il-kontroversja ddur fuq id-domicilju li kellu Michael Cassar fid-data tal-mewt tieghu."*

*Illi jigi ritenut bir-rispett, li l-principji li jirregolaw il-materja ta' dritt internazzjonali privat fl-ordinament guridiku taghna kienu konsistentement fis-sens li fejn hemm lacuna fil-ligi Maltija, ghandhom jigu adottati r-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat tar-Renju Unit u dawn ir-regoli fiz-zmien tad-decess kienu japplikaw il-lex situs ghas-successjoni fuq immobbli. Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddipartixxi minn dawn il-principji u hija tal-fehma li l-ligi applikabbli ghas-successjoni tad-decujus ghal dak li jirrigwarda l-wirt tal-immobbli huwa l-lex situs, fil-kaz odjern, il-ligi Maltija billi l-immobbli jinstab f'Malta.*

***Ghaldaqstant tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimata***

***Id-domicilju*:**

*"Illi l-intimata dahhlet fil-kwistjoni ta' domicilju fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Din il-Qorti ser tevalwa dan il-kriterju ghall-kompletezza u wara li fliet il-provi tikkonkludi li ma jirrizultax ippruvat li d-decujus biddel id-domicilju ta' origini Malti tieghu. Jibda biex jinghad li hemm zewg tipi ta' domicilju (i) domicilju tal-origini (domicil of origin) u (ii) domicilju tal-ghazla (domicil of choice). L-awturi* ***Cheshire and North*** *spjegaw id-differenza bejn dawn iz-zewg kuncetti.*

> *"……the domicil of origin that is communicated by operation of law to each person at birth, i.e. the domicil of his father or his mother, according to whether he is legitimate or illegitimate; and the domicil of choice which every person of full age is free to acquire in substitution for that which he at present, possesses".*[7]

*Illi d-domicilju tal-origini jibqa' jissussisti sakemm ma jigix akkwistat domicilju gdid, liema domicilju gdid, jigi akkwistat permezz ta' zewg rekwiziti, ir-residenza fil-pajjiz u kif ukoll l-intenzjoni tal-persuna li tibqa' fil-pajjiz il-gdid b'mod permanenti. Ma hemm ebda ordni kronologika ta' dawn iz-zewg rekwiziti, u wahda tista' tipprecedi jew tissucedi lill-ohra. Dwar l-ewwel rekwizit tar-residenza, din tippresupponi presenza fizika. L-awturi Cheshire and North spjega hekk:*

> *"Residence in a country for the purpose of the law of domicil is physical presence in that country as an inhabitant of it. (**IRC vs Duchess of Portland** (1982) (Ch 314, 318-319)."*

*L-istess awturi sucitati qalu li sabiex jissussisti r-rekwizit tal-intenzjoni, irid jigi ppruvat li kien hemm il-hsieb li l-persuna kkoncernata kien ried jibqa' joqghod hemm b'mod permanenti.*

> *"………..the acquisition of a domicil of choice requires an intention by the propositus to remain permanently in the territory in which he resides. This is not difficult to understand if the word permanent is used in its correct sense as signifying the opposite of temporary. According to the shorter Oxford Dictionary, it means 'lasting or designed to last indefinitely without change' and this indeed is the definition that most judges have recognised when required to consider the nature of the intention necessary for a change of domicil……………………….If for example, the inquiry relates to the domicil of a deceased person, it must be ascertained whether at some period in his life he had formed and retained a fixed and*

[7] Private International Law 12th Edition Butterworths pg.139.

> *settled intention of residence in a given country. Once this is established, evidence of his subsequent fluctuations of opinion as to whether he would not move elsewhere will be ignored."*

*It-tul ta' residenza mhuwiex kriterju konklussiv ghax iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha relevanti biex temergi l-konkluzjoni tat-tibdil o meno tad-domicilju. Difatti, l-kuntrattazzjoni ta' zwieg barra minn Malta ma huwiex bizzejjed biex wiehed jitlef id-domicilju orginali. (Ara* ***Virginia Fenech vs Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier et noe****, Prim Awla 7/09/1964 (XLVIII.ii.1147).*

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata gie sostnut, li Meshach Galea baqa' domiciljat f'Malta, filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ma hemm l-ebda accenn ghal dan l-aspett tad-domicilju. Illi m'hemmx dubbju li Meshach Galea kellu d-domicilju t'origini tieghu f'Malta sakemm telaq lejn il-Kanada fejn izzewweg u kien jirrisjedi. Izda, dan ma jfissirx li d-domicilju tieghu inbidel. Illi l-interess tieghu biex jixtri l-fond numru 1, f'Saint Mary Street, Rabat, (mertu tal-vertenza odjerna) li fil-fatt xtara flimkien ma' martu ma jikkonfortax it-tezi li biddel id-domicilju. Inoltre` fix-xhieda taghha Tenamara Galea sostniet li huma kellhom intenzjoni li jigu jirrisjedu f'Malta, ghalkemm ma kinux qed ighixu flimkien fil-mument precedentement ghall-mewt ta' Meshach Galea. Nonostante dan, jirrizulta mill-istess xhieda u mill-atti tal-kaz, li l-konjugi Galea kienu xorta ghadhom f'kuntatt u qed jikkomunikaw bejniethom, tant li Tanemara Galea kif rapportat fl-istess rapport tal-Pulizija f'Ontario, relatat mas-suwicidju ta' Meshach Galea, kienet b'kuntatt telefoniku mieghu ftit hin qabel mewtu. Fid-dawl ta' dan, ghalkemm il-provi huma skarni, il-fatt li Meshach Galea kien emigra lejn il-Kanada u kien qed ighix hemmhekk ma' jfissirx li huwa biddel id-domicilju tieghu. Lanqas ma jirrizultaw l-ebda provi li huwa kellu l-intenzjoni jibqa' joqghod hemm u li ma jirritornax f'Malta aktar u aktar meta huwa xtara l-fond f'St. Mary Street Rabat u dahal f'dejn ma' omm il-mara sabiex jixtrih.*

*Illi kif indikat fil-kawzi* ***Frendo vs Cremona et****, P.A. – 21 ta' April 1961, hemm somiljanza ghall-kaz odjern, fis-sens, li l-fatt li kien zamm il-fond li huwa kellu f'Malta jimplika li huwa ma riedx jaqta' ghal kollox minn Malta. Fl-istess kaz* ***Frendo vs Cremona et****, gie osservat li bidla fid-domicilju trid prova a bazi ta' cirkostanzi gravi, precizi u konkordanti. Fin-nuqqas ta' dan, ma jkun hemm l-ebda bidla fid-domicilju.*

*Il-kaz deciz mill-Qorti ta' l-Appell, rrefera wkoll ghall-kaz* ***Cassar vs Montanaro Gauci et noe*** *deciza fit-3 ta' Dicembru 1962:*

> *"…….f'nuqqas ta' xi dikjarazzjoni esplicita, jew provi ohra kokludenti u univoci, li l-konvenut ried ibiddel dan id-domicilju tieghu, jistghu jkollhom certa importanza f'dan il-kuntest il-fatti depozitati minn Giulia Busuttil (fol 49) fis-sens ta' kliem li d-debitur kien esprima xewqa li jirritorna specjalment ghall-bidu li telaq, u li ghad ghandu hutu hajjin*

> *hawn Malta, billi dawn ikomplu jkabbru d-dubju fuq referit ghal dak li kienet l-intenzjoni vera tad-debitur meta minn Malta; u hekk ghandu jigi ritenut, billi mhux pruvat kif jixraq, li huwa ma ffissax id-domicilju tieghu barra minn Malta, u kwindi ghadu suggett ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Lokali."*

*In vista ta' dan l-insenjament u l-principji stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, fil-kaz in ezami, ma jirrizultax ippruvat bl-ebda mod, li Meshach Galea ma kellux l-intenzjoni li jirritorna f'Malta, u li d-domicilju tieghu gie mibdul, kwindi taqbel ma' dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata, li huwa miet domiciljat f'Malta. Konsegwentement, il-wirt tieghu ghandu jigi regolat skont il-provvedimenti tal-Ligi ta' Malta, wara li gie dikjarat li huwa miet intestat, u minghajr tfal, ghalhekk il-wirt tieghu ghandu jiddevolvi fuq martu Tanemara Galea.*

***Ghaldaqstant, tilqa' l-hames u sitt eccezzjonijiet tal-intimata u konsegwentement ser tghaddi biex tichad it-talbiet attrici stante li mhumiex guridikament u fattwalment sostenibbli.***";

3. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") ma qablux ma' din is-sentenza u għar-raġunijiet li tfissru minnhom fir-rikors tal-appell imressaq fil-31 ta' Lulju 2018, talbu lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimata u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimata u ċaħdet it-talbiet attriċi u minflok tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata fl-intier tagħhom filwaqt li tilqa' t-talbiet kif dedotti*";

4. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti ressqu wkoll għadd ta' dokumenti konsistenti f'bosta sentenzi mogħtija mill-Qorti Superjuri ta' Ontario fil-Kanada u tal-Qorti Suprema Kanadiża;

5. L-imħarrka Tanemara Galea (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellata") laqgħet għal dan kollu billi, b'risposta mressqa minnha fil-21 ta' Awwissu, 2018, qalet li d-dokumenti li nhemżu flimkien mar-rikors tal-appell għandhom jitneħħew mill-atti tal-kawża u, wara li fissret għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba, għalqet billi tgħid li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrihom;

6. L-appellata reġgħet talbet l-isfilz tad-dokumenti li tressqu mehmuża flimkien mar-rikors tal-appell u dan permezz tal-avukat tagħha, waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' April, 2023;

7. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha ta' din il-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. B'din l-azzjoni l-atturi hawn appellanti qegħdin ifittxu li jagħtu effett lil dikjarazzjoni li nkitbet minn Meshach Galea fil-Kanada[8], u li fiha dan fisser kif xtaq li jiddisponi minn ġidu, ftit tal-ħin qabel ma traġikament neħħa ħajtu b'idejh fil-Kanada stess. Fost ħafna affarijiet oħra, f'dik id-dikjarazzjoni, Meshach Galea, li jiġi ħu l-appellant Eleazar Galea, niżżel

[8] Ara 'Dok B', f'paġni 5 sa 7 tal-proċess.

li huwa xtaq li sehmu mill-fond bin-numru wieħed (1) fi Triq Santa Marija, ġewwa r-Rabat f'Malta, jgħaddi fuq isem l-appellanti Eleazar Galea u martu Nathalie Galea. Fuq il-pretiża li d-dikjarazzjoni bil-miktub ta' Meshach Galea hija rikonoxxuta u meqjusa bħala testment validu skont il-liġi Kanadiża, u li dak it-testment jgħodd anke f'Malta u dan kemm skont id-dritt internazzjonali privat kif ukoll bil-liġi Maltija, l-appellanti talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li huma wirtu mingħand il-mejjet Meshach Galea, is-sehem li huwa kellu, u sewwasew in-nofs indiviż mill-fond bin-numru uffiċjali wieħed (1) fi Triq Santa Marija, ġewwa r-Rabat f'Malta, u li konsegwentement tiddikjara li huma s-sidien għall-għanijiet u l-effetti kollha tal-liġi ta' dak is-sehem;

9. Min-naħa tagħha, l-appellata Tanemara Galea li hija l-armla ta' Meshach Galea, mhijiex qed tagħraf is-siwi tad-dikjarazzjoni bil-miktub ta' żewġha, u b'risposta maħlufa tal-1 ta' Lulju 2014,[9] minbarra li qajmet xi eċċezzjonijiet ta' sura preliminari, tenniet li d-dikjarazzjoni li fuqha qed jissejsu l-pretensjonijiet tal-appellanti "*ma [t]ikkwalifikax bħala testment skont il-liġi*". B'żieda ma' dan, qajmet ukoll id-difiża li, b'differenza għal dak li qed jgħidu l-appellanti, il-wirt ta' proprjetà immobbli huwa regolat bil-*lex situs* u mhux bil-liġi ta' fejn isir it-testment jew inkella fejn ikun domiċilajt it-testatur. Fl-aħħar żewġ eċċezzjonijiet l-appellata mbagħad stqarret li hija l-armla tal-mejjet Meshach Galea, u argumentat li peress li

[9] F'paġni 41 u 42 tal-proċess.

miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied, u żewġha ma għamel l-ebda testment f'Malta, hija "*għandha titqies bħala l-unika benefiċjarja tal-patrimonju immobilari f'Malta appartenenti lil imsemmi żewġha fil-mument tal-mewt tiegħu, u dan a tenur tal-liġijiet tas-suċċessjoni ta' Malta*"[10];

10. Wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi appellanti fuq is-saħħa tat-tielet, ir-raba', il-ħames, u s-sitt eċċezzjonijiet tal-appellata, l-atturi qegħdin issa jressqu appell minn dik is-sentenza u dan fuq is-saħħa ta' tlett aggravji;

11. Qabel ma' tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji tal-appellanti, il-Qorti tqis li jkun aktar xieraq billi tibda biex tistħarreġ it-talba tal-avukat tal-appellati għat-tneħħija mill-atti (sfilz) tad-dokumenti li l-appellanti hemżet flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom;

*It-Talba għall-Isfilz tad-Dokumenti li Ġew Mehmuża flimkien mar-Rikors tal-Appell:*

12. Kif jidher sewwa minn paragrafu 39 tal-imsemmi rikors tal-appell, l-appellanti ressqu d-dokumenti li tagħhom qiegħed jintalab l-isfilz bil-għan li jagħmlu "*prova sħiħa u sodisfaċenti tal-pożizzjoni legali fil-Kanada fir-*

[10] Silta meħuda mis-sitt eċċezzjoni f'paġna 42 tal-proċess.

*rigward tal-hekk imsejjħa holograph wills*". Fl-istess paragrafu, l-appellanti għamluha wkoll ċara li qed iressqu d-dokumenti flimkien mar-rikors tal-appell u dan fuq is-saħħa ta' dak li jgħid l-artikolu 145 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Il-Qorti tqis li filwaqt li huwa minnu li, fiż-żmien li fih tressaq ir-rikors tal-appell, l-Artikolu 145 tal-Kap. 12, kien jaqra li: "*[m]ar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor*", madanakollu din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-Artikolu hija dik kif tfisser fil-provvediment mogħti minnha fil-kawża fl-ismijiet ***'Josef Farrugia v. Christopher Carabott et.'***[11] u sewwasew li l-Artikolu 145 tal-Kap. 12 għandu jinqara u jinftiehem fil-kuntest tal-funzjoni reviżorja ta' din il-Qorti[12]. Kemm hu hekk, f'dak il-provvediment ingħad li:"*Huwa minħabba f'hekk mifhum li din il-Qorti ma għandhiex tqis dokumenti li setgħu jitressqu quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u dan għaliex jekk tagħmel hekk, din il-Qorti tkun qiegħda effettivament twettaq il-funzjoni tal-ewwel qorti u ċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju*"[13];

[11] Ċit. 388/1998, mogħti fil-24 ta' Ġunju, 2011, §§ 7 sa 9.
[12] Ara: ***Carmela Mallia v. Alfred Mallia,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Mejju, 2022** (App Ċiv. 442/2017/1) §§ 9 sa 11; ***Anthony Mario Vella noe v. Francis Sive Tarcisio Galea pro. et. noe.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**4 ta' Mejju, 2022**, (App. Ċiv. 339/1994/3) §10, u ***Anthony Joseph Galea v Vassallo Builders Limited***, deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar, 2022** (App. Ċiv 1011/08/1) § 32.
[13] *Ibid.* Ara wkoll ***Martina Farrugia et v. Carmel sive Charles Farrugia,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Mejju, 2017**, (App. Ċiv. 27/2014/1) §§ 20 sa 21.

14. F'dan il-każ, id-dokumenti li l-appellanti hemżu flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom jikkonsistu f'għadd ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Superjuri ta' Ontario fil-Kanada u tal-Qorti Suprema Kanadiża li ngħataw kollha qabel ma nbdiet din il-kawża u li b'hekk setgħu faċilment jitressqu mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti meta kienet għadha miexja l-kawża quddiemha u qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

15. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti[14], il-prova tal-liġi barranija hija meqjusa bħala punt ta' fatt u mhux punt ta' liġi, u għaldaqstant il-liġi barranija trid tiġi ppruvata bħal kull fatt ieħor[15];

16. Ġaladarba d-dokumenti li tagħhom qiegħed jintalab l-isfilz qegħdin jitressqu bil-ħsieb li ssir il-prova ta' fatt li l-appellanti setgħu faċilment iġibu għall-istħarriġ u l-ġudizzju quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li appellata għandha raġun u qiegħda tagħmel sewwa li titlob it-tneħħija mill-atti tal-appell tad-dokumenti li tressqu flimkien mar-rikors tal-appell u minħabba f'hekk din il-Qorti mhijiex ser tkun qed tqis dawk id-dokumenti u ser tkun qiegħda tordna li d-dokumenti mehmuża mar-rikors tal-appell jinħarġu mill-inkartament;

[14] Fl-ewwel paragrafu f'paġna 20 tas-sentenza appellata.
[15] Ara App. Ċiv. **20.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Grima noe v. Carmen Vella***

17. Issa li ngħad dan, il-Qorti se tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-appellanti u dan fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell;

*L-Ewwel Aggravju:*

18. Nibdew bl-**ewwel aggravju** li fil-fehma tal-Qorti jiġbor fih il-qofol ta' din it-tilwima;

19. Filwaqt li jitilqu billi jistqarru li jaqblu bis-sħiħ mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u dan sa fejn qieset li għal dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 682 tal-Kodiċi Ċivili kif kien jaqra qabel ma tneħħa bil-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XVI tal-2015 – jiġifieri li hija l-liġi Kanadiża li għandha titħaddem sabiex wieħed jistħarreġ is-siwi formali ta' dak li qed iqisu bħala l-aħħar 'testment' ta' Meshach Galea – f'dan l-aggravju, l-appellanti qegħdin iressqu sensiela ta' argumenti sabiex ifissru kif u għalfejn jidhrilhom li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li huma naqsu milli jressqu provi tajba dwar is-siwi formali ta' dak 'it-testment' u dan skont il-liġi Kanadiża;

20. L-appellanti jibdew billi jargumentaw li huma ressqu provi b'saħħithom biżżejjed li bihom seħħilhom juru kif, qabel ma nbdiet din il-kawża, 'ma kien hemm l-ebda dubju bejn il-partijiet' dwar is-siwi ta' dak li qed iqisu bħala testment. F'dan is-sens, jirreferu għax-xhieda tan-Nutar Jean Paul Farrugia u jgħidu li dak in-nutar kien saħansitra fassal żewġ

atti pubbliċi li jirrikonoxxu s-siwi ta' dak 'it-testment'. Ifissru li l-ewwel dokument kien jikkonsisti fid-dikjarazzjoni '*causa mortis*' li l-appellanti nfushom kellhom jiffirmaw bħala l-werrieta tal-mejjet Meshach Galea, u dan sa fejn għandu x'jaqsam in-nofs indiviż tal-proprjetà tal-post fir-Rabat mertu ta' din il-kawża; filwaqt li t-tieni dokument huwa mbagħad abbozz ta' kuntratt ta' bejgħ li permezz tiegħu, l-appellanti kienu ser ibiegħu sewwasew dak in-nofs indiviż li ħallielhom il-mejjet Meshach Galea lil Jane Roppovalente, li tiġi omm l-appellata. Sfiq ma' dan, jirreferu għal '*e-mail*' partikolari tal-25 ta' Ottubru 2013,[16] li biha l-imsemmi Nutar Farrugia bagħat lill-appellant Eleazar Galea dawn l-abbozzi, u jissottomettu li minn eżami tal-istess abbozzi jirriżulta kif fit-tnejn li huma tniżżel li l-proprjetà mertu tal-kawża kienet għaddiet għand l-appellanti mill-wirt ta' Meshach Galea u dan permezz ta' testment magħmul ġewwa l-Kanada. Skont l-appellanti, din l-evidenza kellha tkun biżżejjed biex tikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li 't-testment' kien wieħed validu f'għajnejn il-liġi Kanadiża, u jargumentaw li kien hemm 'akkwijixxenza' ta' dan min-naħa tal-appellata. Jgħidu għalhekk li huma mhux biss ressqu prova dwar is-siwi tat-testment, iżda saħansitra ressqu wkoll prova tal-aċċettazzjoni ta' dak il-fatt min-naħa tal-appellata;

21. Prova oħra li fi kliem l-appellanti 'tikkorrobora l-fatt' li t-tali 'testment' jitqies bħala validu ġewwa l-Kanada, hija li l-appellata Tanemara Galea

[16] Kopja tal-*e-mail i*msemmija mill-appellanti tinsab f'paġni 113 sa 115 tal-proċess

naqset milli tieħu xi passi biex tattakka t-testment ġewwa l-ġurisdizzjoni Kanadiża. Skont l-appellanti, dan il-fatt 'juri' li l-pariri li ngħatat ġewwa l-Kanada kienu b'tali mod li "*għalqulha l-bibien kollha fuq il-possibiltà li hija timpunja tali testment*". Iżidu li dan il-punt huwa wkoll imsaħħaħ mir-riżultanzi tal-kontro-eżami tal-appellata, li fih "*hija xehdet li kienet ngħatat parir mingħand avukat ġewwa l-Kanada li se mai t-testment seta' ipotetikament jiġi impunjat minħabba nuqqas ta' validità sostanzjali*" u sewwasew minħabba l-inkapaċità mentali ta' żewġha. Wara li jgħidu li l-appellata lanqas ma xehdet li ngħatat xi parir li t-testment ma kienx wieħed validu minħabba nuqqasijiet formali, jargumentaw li dan kollu kien biżżejjed sabiex 'it-testment' li fuqu hija msejsa l-kawża tagħhom, kellu jitqies validu skond il-liġi Kanadiża, u dan mingħajr l-ebda ħtieġa ta' prova oħra sabiex tikkonvinċi lill-Qorti b'dan fuq bażi ta' probabbiltà;

22. Ilment ieħor b'rabta mal-ewwel aggravju huwa mbagħad li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tqis li diġà kien hemm pronunzjament ġudizzjarju mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dwar is-siwi tat-testment u dan skont il-liġi Kanadiża. F'dan ir-rigward, jirreferu għad-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 491/14 fl-ismijiet ta' '*Eleazar Galea et v. Jane Roppovalente noe.*', u jgħidu li fih intqal li "*t-testment olografiku in diżamina hu ai termini tal-liġi tal-Kanada*", u li kien minħabba f'hekk li l-Ewwel Qorti għaddiet biex laqgħet dak il-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub minnhom. Jilmentaw li dan il-fatt 'tant determinanti'

donnu ħarab għal kollox lill-Ewwel Qorti bil-konsegwenza li d-deċiżjoni tagħha wasslet għal sitwazzjoni li fiha hemm żewġ 'pronunzjamenti għal kollox kontradittorji fuq l-istess fatt' u magħmula mill-istess Qorti. Skont l-appellanti l-Ewwel Qorti kien għalhekk messha mxiet mal-pronunzjament ta' fatt li kien diġà ġie magħmul minnha fil-kuntest ta' proċeduri oħrajn bejn l-istess partijiet u 'fuq l-istess materja';

23. F'dan l-istadju, l-appellanti mbagħad jirreferu għad-dokumenti li ressqu flimkien mar-rikors tal-appell, u li fi kliemhom jagħmlu "*prova sħiħa u sodisfaċenti tal-pożizzjoni legali fil-Kanada fir-rigward tal-hekk imsejjħa holograph wills*". Jgħidu li mit-tali dokumentazzjoni jirriżulta li 'testmenti' bħal dak miktub minn Meshach Galea, huma regolati bl-Artikolu 6 tas-'*Succession Law Reform Act',* li jgħidu li taqra li: "*A testator may make a valid will wholly by his or her own handwriting and signature, without formality, and without the presence, attestation or signature of a witness*"*.* F'dan ir-rigward, l-appellanti mbagħad jirreferu għal bosta siltiet minn sentenzi tal-Qorti Suprema tal-Kanada u dik ta' Ontario fil-Kanada sabiex ikomplu jfissru kif il-liġi Kanadiża tirrikonoxxi testmenti fil-forma ta' dak li ġie magħmul minn Meshach Galea. Skond l-appellanti, minn dawk is-sentenzi, din il-Qorti 'm'għandu jifdlilha l-ebda dubju' li t-testment mertu ta' dawn il-proċeduri huwa effettivament testment validu skont il-liġi Kanadiża, u dan għaliex Meshach Galea, mhux biss kitbu b'idejh u

ffirmah, iżda wkoll għaliex wera fih bl-aktar mod ċar l-intenzjoni tiegħu li dak kellu jkun l-aħħar testment tiegħu;

24. Argument ieħor li qiegħed jitressaq (dejjem b'rabta mal-ewwel aggravju) huwa mbagħad fis-sens li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis li l-prova tal-liġi Kanadiża kellha tinġieb minnhom. Ifakkru li kienet l-appellata li ressqet eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' siwi tat-'testment', u fid-dawl ta' dan jargumentaw li kien propju jaqa' fuq spallejn l-appellata li tressaq provi tajbin u siewja dwar in-nuqqas ta' siwi ta' dak it-testment. Ifissru li huma jippretendu li hemm testment li huwa validu u li fuq is-saħħa tiegħu wirtu sehem minn ġid immobbli, u li kien għalhekk jaqa' fuq il-konvenuta li ssostni d-difiża tagħha bil-provi;

25. B'żieda ma' dan kollu, l-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies tas-sottomissjoni tagħhom dwar li l-appellata ma setgħetx tressaq eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' siwi 'tat-testment'. Skont l-appellanti xilja ta' din ix-xorta riedet ta' bilfors titressaq b'kawża oħra, u fin-nuqqas ta' kawża *ad hoc* jew tal-anqas kontro-talba min-naħa tal-appellata, l-Ewwel Qorti ma setgħetx 'tiddikjara' li t-'testment' ma kienx jiswa. Sfiq ma' dan, l-appellanti jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma setgħet tgħaddi biex 'tippronunzja ruħha' fis-sens li Meshach Galea kellu jitqies li miet '*ab intestato*' u li l-wirt tiegħu għadda skond il-liġi Maltija. Skont l-appellanti pronunzjament bħal dan mhux biss wassal biex l-

Ewwel Qorti effettivament 'impunjat' testment bis-saħħa ta' dak li ssejħilha bħala 'mera eċċezzjoni', iżda wkoll għaddiet biex 'tiddikjara' dwar kif kellu jiddevolvi l-wirt, ħaġa li fi kliem l-appellanti wasslet biex l-Ewwel Qorti marret lil hemm mill-parametri tal-azzjoni u dan bil-konsegwenza li dik il-parti tas-sentenza appellata 'tista'' tiġi attakkata bħala *extra petita*;

26. Il-Qorti wara li qieset dawn l-argumenti kollha fid-dawl tal-atti proċesswali kif ukoll fil-qafas tas-sottomissjonijiet tal-appellata u l-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, jidhrilha li l-argumenti kollha li tressqu f'dan l-ewwel aggravju mhux biss huma manifestament ħżiena, iżda saħansitra fiergħa;

27. L-ewwel nett u sa fejn qed jitressaq l-argument li kien hemm xi forma ta' "akkwijixxenza" min-naħa tal-appellata u dan dwar is-siwi tat-'testment' li fuq is-saħħa tiegħu issejset din il-kawża, il-Qorti tqis li dan l-argument mhux biss m'huwiex sostnut bil-provi, anzi huwa saħansitra kontradittorju għal dak li l-appellant Eleazar Galea stqarr f'affidavit li kien ressaq fl-ewwel istanza u sewwasew fejn jgħid li "***l-konvenuta però ma riditx illi tagħraf dan it-testment*** *u fil-fatt ippretendiet illi l-post huwa kollu tagħha tant illi anke għamlet konvenju biex dan jinbiegħ lil terzi persuni*"[17]. Barra minn hekk, u sa fejn qed issir riferenza għax-xhieda

[17] Ara l-affidavit ta' Eleazar Galea, f'paġna 52 tal-proċess.

tan-Nutar Farrugia, il-korrispondenza elettronika li kien hemm bejn dan l-istess nutar u l-appellant Eleazar Galea, u l-kontenut tal-abbozzi tad-dikjarazzjoni '*causa mortis*' u dak tal-kuntratt ta' bejgħ, il-Qorti rat li l-appellata Tanemara Galea ma tissemma mkien f'dan kollu, u b'hekk huwa altru milli l-appellanti ressqu xi prova li l-appellata kienet irrikonoxxiet is-siwi ta' dak li huma qed iqisu bħala testment. Pereżempju, il-korrispondenza b'*e-mail* li l-appellanti jsemmu[18] hija biss bejn in-Nutar Farrugia u l-appellant Eleazar Galea, u f'dik il-korrispondenza, isem l-appellata Tanemara Galea ma jidher imkien. Daqstant ieħor ma tidher imkien l-appellata fl-abbozzi tal-kuntratt ta' bejgħ u tad-dikjarazzjoni '*causa mortis*'. Kif jidher mill-abbozz tal-kuntratt ta' bejgħ li qed jirreferu għalih l-appellanti[19], il-partijiet f'dak il-kuntratt huma biss l-appellanti stess u Jane Carmen Roppovalente Briffa. Għalkemm li huwa minnu li din tal-aħħar hija omm l-appellata, u li f'din il-kawża qiegħda tidher għall-appellata, madanakollu, fil-kuntratt ta' bejgħ Roppovalente kienet ser tkun qed tidher f'isimha propju u mhux bħala mandatarja tal-appellata, u kemm hu hekk, in-Nutar Farrugia stess stqarr li, l-klijenta tiegħu kienet Roppovalente u mhux bintha l-appellata[20]. Wisq anqas ma jista' jkollu l-ebda effett fuq l-appellata l-abbozz tad-dikjarazzjoni '*causa mortis*', li qed jirreferu għalih l-appellanti[21]. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li d-dikjarazzjoni '*causa mortis*' hija biss att dikjaratorju ta' min ikun qed

[18] F'paġni 113 sa 115 tal-proċess.
[19] F'paġni 119 sa 124 tal-proċess.
[20] Ara x-xhieda tan-Nutar Jean Paul Farrugia, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju, 2015, fuq in-naħa ta' wara tal-paġna 108 tal-proċess.
[21] F'paġni 116 sa 118 tal-proċess.

jagħmel dak l-att, u ġaladarba dikjarazzjoni bħal dik kienet tal-appellanti, l-appellanti lanqas ma jistgħu jużaw dak l-abbozz bħala prova li Tanemara Galea kienet qed tirrikonoxxi s-siwi ta' dak li l-appellanti qed iqisu bħala testment;

28. Lanqas ma jista' jkun ta' xi fejda għall-appellanti l-fatt li Tanemara Galea ma ħadet l-ebda passi ġewwa l-qrati ta' ġurisdizzjoni Kanadiża biex tattakka dak li qed huma iqisu bħala testment. Kull argument min-naħa tal-appellanti li dan 'in-nuqqas' jimplika li l-pariri legali li ngħatat l-appellanti fil-Kanada kienu kontra l-interessi tagħha, mhux biss huwa spekulattiv għall-aħħar, iżda saħansitra kontradett mill-appellata stess. Kuntrarjament għal dak li qed jgħidu l-appellanti, Tanemara Galea fissret li hija kienet ingħatat parir minn żewġ avukati fil-Kanada li d-dokument li l-appellanti qed iqisu bħala testment, ma kienx meqjus bħala validu f'għajnejn il-liġi Kanadiża, u dan anke minn aspett formalistiku għaliex ma kienx datat u lanqas ma tniżżel il-ħin li fih inkiteb[22]. Fissret ukoll li kienu l-avukati Kanadiżi stess li qalulha li dak id-dokument kien meqjus biss bħala '*suicide note*' u li ma kien hemm l-ebda proċeduri li kellha x'tagħmel fil-Qrati tal-Kanada biex tattakkah jew tikkontestah[23]. Il-fatt li Tanemara Galea ma bdiet l-ebda proċeduri fil-Kanada biex tattakka dak li l-

[22] Ara l-kontro-eżami ta' Tanemara Galea f'paġni 184, 186 u 187 tal-proċess.
[23] *Ibid.* f'paġni 184 u 187 tal-proċess.

appellanti qed iqisu bħala testment ma tgħinx għalhekk lit-teżi tagħhom, anzi hija prova oħra kontra l-każ tagħhom;

29. Daqstant ieħor huwa fieragħ għall-aħħar l-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti kien messha mxiet ma' dak li qed issejjaħlu bħala "pronunzjament ta' fatt" li fi kliemhom sar mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 491/14 fl-ismijiet ta' *'Eleazar Galea et v. Jane Roppovalente noe.'.* Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-eżitu ta' proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni ma jżid jew ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet jew mid-difiżi rispettivi tal-partijiet li jitqajmu fil-kawża vera u propja[24]. Ġie wkoll imtenni kemm-il darba li l-proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni ma jaqtgħux it-tilwima li tkun għaddejja bejn il-partijiet u, fi proċeduri bħal dawk, il-Qorti ma tiddeċiedi xejn dwar il-jeddijiet rispettivi tal-partijiet, jew inkella min minnhom għandu raġun[25]. L-eżami mwettaq minn Qorti fi proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni huwa biss sal-grad ta' mad-daqqa t'għajn u, bil-fatt waħdu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dehrilha li l-appellanti kellhom mad-daqqa t'għajn jedd x'jikkawtelaw, ma jfissirx li dik il-Qorti qatgħet b'mod definittiv li l-appellanti qed jgħidu sewwa li d-dikjarazzjoni mehmuża bħala 'Dokument B' mar-rikors maħluf hija tassew rikonoxxuta bħala testment u dan skond

[24] Ara d-digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 494/2021, fl-ismijiet ta' '***Paul Bonello noe. v. Onorevoli Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel, u d-Drittijiet tal-Annimali'***, mogħti fis-7 ta' April, 2021.

[25] Ara d-digrieti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet ta': (i) '***Aurelio Tanti v Chris D'Anastasi'***, (Rik 1226/2021), mogħti fil-15 ta' Settembru, 2021; (ii) ***'Clayton Bonnici et. v. Christopher Spiteri'***, (Rik. 1773/2021) mogħti fil-14 ta' Diċembru, 2021; u (iii) ***'Av. Michael Psaila noe. et. v. Nancy Caruana noe. et.'*** (Rik. 1796/2021), mogħti fis-17 ta' Diċembru, 2021.

il-liġijiet tal-pajjiż fejn saret (il-Kanada). Ma jistax ma jiġix ukoll osservat li l-appellanti qed ikunu ferm selettivi meta qed jiċċitaw mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Is-silta ċitata minnhom u sewwasew li "*t-testment olografiku in diżamina hu ai termini tal-liġi tal-Kanada*"[26] hija biss parti minn paragrafu 24 tad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Minn qari ta' dak il-paragrafu kollu fil-qafas li fih sar, jidher ċar ħafna li dik il-Qorti ma kienet qed tagħmel xejn għajr li tirreferi għall-argument miġjub mir-rikorrenti hawn appellanti u għamlitha wkoll ċara li dak li kienet qed tgħid kien biss fuq livell ta' "*prima facie*" u xejn aktar[27]. M'huwa għalhekk xejn minnu li fid-digriet mogħti fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 491/14, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'xi mod jew ieħor, għamlet xi "pronunzjament ta' fatt" dwar is-siwi formali ta' dak li l-appellanti qed iqisu bħala testment. Dak li l-appellanti qed iqisu bħala "tant determinanti" m'huwa għalhekk determinati xejn, u għaldaqstant, is-sentenza appellata ma tista' qatt titqies kontradittorja mal-provvediment imsemmi mill-appellanti;

30. Sa fejn imbagħad l-appellanti qed jirreferu għad-dokumenti li hemżu mar-rikors tal-appell tagħhom, u s-siltiet twal ċitati mill-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema tal-Kanada u dik ta' Ontario fil-Kanada, sabiex jargumentaw li minn dawk is-sentenzi, din il-Qorti 'm'għandu

[26] §34 tar-rikors tal-appell.

[27] Ara l-provvediment tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u dan wara r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 491/14, f'paġni 80 sa 86 tal-proċess. Is-silta li qed jirreferu għaliha l-appellanti tinsab f'paġna 86 tal-proċess.

jifdlilha l-ebda dubju' li t-testment mertu ta' dawn il-proċeduri huwa effettivament testment validu skond il-liġi Kanadiża, il-Qorti, filwaqt li tirreferi lejn dak li ntqal qabel[28], il-Qorti jidhrilha li f'kull każ, anke s-siltiet ċitati fir-rikors tal-appell ma jistgħux jitqiesu bħala prova tajba tal-liġi Kanadiża dwar it-testmenti olografiċi. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li, fi kwistjonijiet bħal dawn, il-liġi barranija għandha tiġi trattata bħala punt ta' fatt u mhux punt ta' ligi[29] u, minħabba f'hekk, trid titressaq prova tagħha daqslikieku kienet xi fatt ieħor u mhux fis-sura ta' sottomissjoni[30]. Is-sentenzi msemmija mill-appellanti kienu jkunu ta' fejda għalihom li kieku nġabet prova dwar il-liġi Kanadiża fil-waqt xieraq quddiem l-Ewwel Qorti u kieku dawk is-sentenzi jsaħħu dik il-prova. Huwa wkoll mifhum li prova bħal din issir bil-mezz ta' xhud espert fil-liġi barranija li jkollu l-ħiliet misjuba fl-Artikolu 563B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[31]. Kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ l-appellanti la ressqu xi xhud espert *ex parte* sabiex jixhed dwar id-dritt Kanadiż u wisq anqas ma talbu lill-Qorti sabiex taħtar espert tekniku fil-liġi Kanadiża u dan sabiex ikun jista' jixhed dwar il-pożizzjoni ta' dik il-liġi dwar it-testmenti olografiċi. Terġa' u tgħid li għalkemm li fil-ħames premessa tar-rikors maħluf l-appellanti qalu li huma "ġew mgħarrfa u rassigurati" minn esperti fil-

---

[28] §§ 12 – 6 *supra*

[29] Ara ***Rose Grima noe v. Carmen Vella,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**20 ta' Lulju, 2020**, (App. Ċiv. 49/2012) §23.

[30] Ara l-provvediment ta' din il-Qorti, fl-ismijiet '***Marlon Borg noe. v. M.V. Bright Star',*** (Rik. 653/2018) §18.

[31] L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 563B tal-Kap. 12 jaqra hekk: *"(1) Min ikollu l-kwalifiki meħtieġa minħabba f'li jaf jew minħabba l-esperjenza tiegħu jkun jista' jagħti xiehda ta' espert dwar id-dritt ta' xi stat barrani, irrispettivament minn jekk huwa qatt ipprattikax jew kellu dritt jipprattika bħala avukat, jew bħala uffiċjal ġudizzjarju jew legali f'dak l-istat.".* Ara wkoll: ***'Direttur tad-Dipartiment għal-Standards fil-Ħarsien Soċjali v. Josephine Arslan'***, deċiża minn din il-Qorti fit-**8 ta' Lulju, 2008**. (App. Ċiv. 78/2007)

Kanada li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea hija rikonoxxuta bħala testment validu taħt il-liġi Kanadiża, u li fl-affidavit tiegħu Eleazar Galea qal li kien ħa parir mingħand avukat fil-Kanada[32], l-appellanti però naqsu għal kollox milli jressqu prova konkreta ta' dak il-parir. L-istess jgħodd għall-appellata li fil-kontro-eżami tagħha qalet li ħadet parir mingħand żewġ avukati Kanadiżi, u li però ma ppreżentat l-ebda parir bil-miktub li ġie mogħti mill-avukati Kanadiżi. F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti żgur li ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti meta osservat li kienet "*sprovvista minn prova ċara*" dwar ir-rekwiżiti formali li huma mitluba mill-liġi Kanadiża;

31. F'kull każ, l-appellanti lanqas ma jistgħu jippretendu li s-siltiet mill-ġurisprudenza li pproduċew fil-qafas tar-rikors tal-appell, jistgħu b'xi mod jew ieħor jitqiesu bħala prova tajba tad-dritt Kanadiż dwar il-formalitajiet meħtieġa għat-testmenti olografiċi. Filwaqt li dawk is-sentenzi ma nġabux għall-attenzjoni tal-Ewwel Qorti u għalhekk kull argument marbut magħhom mhuwa xejn għajr *noviter deductus* u konsegwentement ma setax jitressaq f'dan l-istadju[33], il-Qorti tqis li anke li kieku stess l-appellanti għamlu referenza lejn dawk is-sentenzi quddiem l-Ewwel Qorti, jibqa' xorta waħda l-fatt li dawk is-siltiet ma jurux kif kienet il-pożizzjoni legali fil-Kanada fiż-żmien li fih Meshach Galea kiteb id-dikjarazzjoni li huma qed iqisu bħala testment u qabel neħħa ħajtu b'idejh. Fin-nuqqas

---

[32] Ara l-affidavit ta' Eleazar Galea f'paġna 52 tal-proċess.
[33] Ara: ***'Charm Developments Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni'***, deċiża minn din il-Qorti fit-**23 ta' Frar, 2022**, (App. Ċiv. 278/2011/1).

ta'prova tajba ta' x'kienet tgħid il-liġi Kanadiża fil-waqt rilevanti, il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li s-siltiet li rreferew għalihom jippruvaw li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea f''Dok B'[34] tikkwalifika bħala testment validu taħt il-liġi Kanadiża fiż-żmien preċiż li fih saret;

32. Il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellanti meta qed jippretendu li l-prova dwar il-liġi Kanadiża kellha tinġieb mill-konvenuti u mhux minnhom. Għalkemm huwa minnu li l-appellata qajmet l-eċċezzjoni li d-dokument li kienu qed iqisu bħala testment ma kienx jikkwalifika bħala testment li jiswa skond il-liġi, l-appellanti ma jistgħux jinsew li waħda mill-premessi ewlenin tagħhom kienet li "*id-dikjarazzjoni magħmula minn Meshach Galea hija rikonoxxuta bħala testment validu taħt il-liġi Kanadiża*"[35]. Mingħajr il-prova ta' din il-premessa, il-każ tal-appellanti ma seta' qatt jirnexxi (lil hinn minn jekk titqajjimx jew le xi eċċezzjoni dwar dan) u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, l-għan wara l-azzjoni tal-appellanti hija li jagħtu effett lil dispożizzjoni f'dikjarazzjoni li qed jgħidu li tikkwalifika bħala 'testment' taħt il-liġi Kanadiża. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah[36] u ġaladarba l-appellanti sejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea hija rikonoxxuta bħala 'testment' f'għajnejn il-liġi Kanadiża, kien jaqa' fuqhom li jippruvaw dak il-fatt;

---

[34] F'paġni 5 sa 7 tal-proċess.
[35] Ara l-ħames premessa tar-rikors maħluf
[36] L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

33. Daqstant ieħor mhuwiex siewi l-argument tal-appellanti li l-appellata ma setgħetx tressaq eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' siwi ta' dak li qed iqisu bħala testment, u li l-Ewwel Qorti ma setgħetx 'tiddikjara' li 't-testment' ta' Meshach Galea ma kienx wieħed validu. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba li l-appellanti sejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea kienet tikkwalifika bħala 'testment', l-appellata kellha kull jedd li tirribatti dak li kienu qed jgħidu billi tqajjem l-eċċezzjoni li "*d-dokument anness u mmarkat DOK B fir-rikors maħluf ma jikkwalifikax bħala testment skond il-liġi*". Fuq kollox, u bħalma ngħad fil-paragrafu ta' qabel dan, l-istħarriġ dwar jekk id-dokument li qed jirreferu għalih l-appellanti jikkwalifikax bħala 'testment', kien parti integrali mill-ġudizzju li riedet tagħmel l-Ewwel Qorti u dan għaliex, irrispettivament mit-tielet eċċezzjoni tal-appellata, l-Ewwel Qorti xorta waħda riedet tkun sodisfatta li d-dokument li qed jirreferu għalih l-appellanti jikkwalifika bħala testment, u dan qabel ma' tilqa' t-talbiet tagħhom, li permezz tagħhom qed jippruvaw jagħtu effett lil dak li tniżżel fid-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea. F'dan is-sens, il-Qorti lanqas ma taqbel li l-Ewwel Qorti 'impunjat' xi testment fuq "mera eċċezzjoni". Biex jiġi 'impunjat testment', l-ewwel irid ikun hemm testment, u f'dan il-każ l-appellanti mank biss irnexxielhom jitilgħu l-ewwel tarġa billi jippruvaw li d-dokument li rreferew għalih fir-rikors maħluf huwa tassew rikonoxxut bħala 'testment' f'għajnejn il-liġi Kanadiża;

34. Sa fejn imbagħad l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti ħarġet mill-parametri tal-kawża u marret '*extra petita*' għaliex 'pronunzjat ruħha' li Meshach Galea kellu jitqies li miet '*ab intestato*' u l-wirt tiegħu ddevolva skont il-liġi Maltija, il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, u b'hekk anke dan l-ilment mhuwiex mistħoqq;

35. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi **miċħud**;

*It-Tieni Aggravju:*

36. Fit-**tieni aggravju** l-appellanti mbagħad jgħaddu biex ifissru kif qed iħossuhom ukoll aggravati bil-mod ta' kif l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-appellata. Jissottomettu li, fiż-żmien relevanti ta' meta Meshach Galea kiteb id-dikjarazzjoni u neħħa ħajtu b'idejh, il-Liġi Maltija kienet tipprovdi li kemm-il darba testment ikun sar skond il-formalitajiet tal-*lex loci actae*, dak it-testment kellu jingħata effett f'Malta[37] u fuq is-saħħa ta' dan jargumentaw li l-applikazzjoni tal-*lex situs*, li hija l-liġi Maltija, kellha xorta waħda twassal biex id-dispożizzjonijiet ta' dak li qed iqisu bħala testment ta' Meshach Galea, jingħataw effetti f'Malta. Skont

[37] L-appellanti qed jirreferu għall-Artikolu 682 tal-Kap. 16, u dan kif kien jaqra qabel ma tħassar bl-Art. 4 tal-Att XVI tal-2015.

l-appellanti, l-applikazzjoni tal-*lex situs* ma kellu jkollha l-ebda xkiel fuq il-pretensjonijiet tagħhom, anzi kellha pjuttost issaħħaħhom. F'dan il-qafas, l-appellanti jissottomettu li l-prinċipju ta' '*scission'* ma kellux jiġi applikat għal dan il-każ, u jfissru li t-tali prinċipju jgħodd biss f'każ li ma jkunx hemm testment validu. Jisħqu li l-applikazzjoni korretta tal-*lex situs* kellha għalhekk twassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li huma wirtu l-ġid mertu tal-kawża u dan fuq is-saħħa ta' dak li jsejħulu bħala 'testment formalment validu'. F'dan is-sens, l-appellanti jikkonkludu li din il-Qorti għandha għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-appellata;

37. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti tqis li dan l-aggravju ma jista' jwassal lill-appellanti mkien u dan għaliex qiegħed jitqanqal fuq il-premessa li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea tissodisfa l-formalitajiet mitluba mill-liġi Kanadiża sabiex titqies bħala 'testment'. Kif ġie mfisser fil-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-ewwel aggravju, l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw li d-dikjarazzjoni li qed jippruvaw jinforzaw l-effetti tagħha f'Malta, saret skond il-formalitajiet li trid il-liġi Kanadiża biex tkun tista' titqies bħala 'testment', u minħabba f'hekk huwa kollu ta' xejn li l-appellanti qed jisħqu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħhom billi tħaddem l-Artikolu 682 tal-Kodiċi Ċivili li, f'dak iż-żmien, kien jgħid li: "*Testment magħmul barra minn Malta għandu effett f'Malta, kemm-il darba jkun ġie magħmul skont il-forma li trid il-liġi tal-lok fejn ikun*

*sar*". Fuq kollox, dak li ġie eċċepit mill-appellata fir-raba' eċċezzjoni kien sempliċiement li ladarba din l-azzjoni hija dwar wirt ta' ġid immobbli f'Malta, il-wirt ta' dak il-ġid għandu jkun regolat bil-*lex situs.* L-appellanti mhumiex imeru lill-Ewwel Qorti li ma kellhiex tapplika l-*lex situs,* anzi qed jgħidu li t-tħaddim tal-*lex situs* kellu jwassal lill-Ewwel Qorti biex tagħti effett lid-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea li huma qed iqisu bħala testment;

38. It-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll **<u>miċħud</u>**;

*It-Tielet Aggravju:*

39. Jifdal b'hekk it-**<u>tielet aggravju</u>** li fih l-appellanti jibdew biex ifissru li qed iħossuhom aggravati 'bid-deċiżjoni' tal-Ewwel Qorti li l-mejjet Meshach Galea ma kienx biddel id-domiċilju tal-oriġini tiegħu, u sewwasew dak Malti. F'dan is-sens, jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma ntalbitx sabiex tagħmel xi tip ta' dikjarazzjoni bħal din u josservaw li anke l-Ewwel Qorti stess ikkummentat li t-tali il-kwistjoni kienet ser tiġi mistħarrġa biss għall-għanijiet ta' kompletezza u dan għaliex l-appellata semmiet din il-kwistjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet. Jgħidu li bis-sentenza appellata, huma sabu rwieħhom 'affaċjati' b'dik li qed isejħulha bħala 'dikjarazzjoni ġudizzjarja' dwar id-domiċilju ta' Meshach Galea, u dan meta t-tali kwistjoni qatt ma tqajmet b'mod formali u lanqas ma tressqu provi

dwarha. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet jargumentaw li kull dikjarazzjoni dwar id-domiċilju ta' Meshach Galea hija *'extra petita'* u b'hekk għandha tiġi mħassra;

40. Fuq nota oħra, l-appellanti jgħidu li s-sentenza appellata hija wkoll *'extra petita'* f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti qalet li l-wirt ta' Meshach Galea għandu jkun regolat bil-liġi Maltija u "*għandu jiddevolvi fuq martu Tanemara Galea*". Ifissru li b'din il-kawża huma sempliċiment talbu li jiġu dikjarati bħala s-sidien ta' nofs mhux maqsum ta' ġid immobbli li jinsab f'Malta u dan fuq is-saħħa ta' dak li qed iqisu bħala 'testment' ta' Meshach Galea. F'dan is-sens jissottomettu li l-Ewwel Qorti kellha tqis biss jekk il-pretensjoni tagħhom kinitx mistħoqqa jew le u dan mingħajr ma toqgħod tidħol fi kwestjonijiet dwar kif iddevolva l-wirt ta' Meshach Galea u mingħajr ma 'tiddikjara' min wiret lill-istess, daqslikieku li din l-azzjoni kienet waħda ta' likwidazzjoni u qsim ta' wirt. Ikomplu billi jargumentaw li din 'd-dikjarazzjoni' tal-Ewwel Qorti għandha wkoll 'l-kapaċità' li jkollha konsegwenzi serji fuq terzi u fir-rigward ta' materji li ma kellhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, jgħidu li kemm għall-interess tal-ġustizzja u sabiex jiġu mħarsa l-interessi ta' terzi u jibqgħu bla mittiefsa kwistjonijiet li huma lil hemm mill-mertu tal-azzjoni tagħhom, din il-Qorti għandha tgħaddi biex tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ntlaqgħu l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-appellata u, minflok, tiċħad l-istess eċċezzjonijiet;

41. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq, u dan għar-raġunijiet li se jingħataw fil-paragrafi li jmiss;

42. Fl-ewwel lok, jekk l-appellanti tassew deherilhom li l-Ewwel Qorti marret *'extra petita'* għaliex daħlet fil-kwistjoni tad-domiċilju ta' Meshach Galea jew inkella għaliex dehrilhom li 'indaħlet' fi kwistjonijiet dwar kif kellu jiddevolvi l-wirt ta' Meshach Galea, l-appellanti kellhom qabel xejn jiżguraw li l-ilment tagħhom ikun rifless fit-talba finali tar-rikors tal-appell, u dan għaliex din il-Qorti ma tistax tistħarreġ aggravji li ma jkunux riflessi fit-talba finali. Kif issemma aktar 'il fuq[38], fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti talbu biss ir-revoka tas-sentenza appellata "*f'dik il-parti fejn laqgħet it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimata u ċaħdet it-talbiet attriċi*"*.* L-appellanti però ma semmew xejn dwar dak li qed jirreferu għaliha bħala "*dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar id-domicilju tad-decujus*" u wisq anqas ma talbu t-tħassir ta' xi 'dikjarazzjoni' dwar kif iddevolva l-wirt tal-mejjet Meshach Galea. Fuq hekk biss l-ilmenti tal-appellanti li l-Ewwel Qorti marret '*extra petita*' għandhom jiġu miċħuda;

43. F'kull każ, il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li s-sentenza appellata hija maħkuma mill-vizzju tal-'*extra petita*'*.* Sabiex ikun hemm vizzju ta' din ix-xorta, huwa meħtieġ li l-qorti tagħti xi ħaġa li tkun għal kollox 'il-barra

[38] Ara §3 *supra*

minn dak li jkun ġie mitlub minnha[39]. Jixraq ukoll li jiġi mfakkar li kull 'dikjarazzjoni' li ma tiddaħħalx fil-parti dispożittiva tas-sentenza la hija deċiżiva u lanqas obbligatorja, u konsegwentement hija biss il-parti dispożittiva tas-sentenza li torbot lill-partijiet[40]. Tabilħaqq, huwa mifhum li biex il-Qorti tkun tista' tistħarreġ ilment dwar il-vizzju tal-*ultra* jew l-*extra petita*, "*il-Qorti trid teżamina l-atti tal-kawża, it-titoli miġjuba in sostenn tal-azzjoni u tal-eċċezzjonijiet, il-konklużjonijiet ifformulati mill-partijiet u tikkonfrontahom mad-dispożittiv tas-sentenza*"[41]. F'dan il-każ, minn ħarsa lejn il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, jidher ċar biżżejjed li l-Ewwel Qorti sempliċement laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellata filwaqt li ċaħdet it-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż kontrihom, u għalhekk mhuwiex il-każ li l-Ewwel Qorti tat xi ħaġa li hija għal kollox 'il-barra minn dak li ntalbet;

44. Sabiex ikun ingħad kollox, din il-Qorti lanqas ma tqis li hemm xi raġuni għalfejn il-ħames u s-sitt eċċezzjonijet ma setgħux jitressqu u li minflok kellhom jitressqu biss permezz ta' kawża oħra jew inkella b'xi kontro-talba. Kulma ġie mqajjem fil-ħames eċċezzjoni huwa li l-appellata "*hija l-armla tad-defunt Meshach Galea u miż-żwieġ ma kellhomx ulied*",

---

[39] Ara: ***'MF Holdings Company Limited v. Vodafone Malta Limited,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Jannar, 2023**, (App. 265/2015/1) §21, u ***'Rowena Mamo v. Landgate Limited et.'*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Frar, 2021** (App. Ċiv. 770/2012) §15.
[40] Ara '***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar et.'***, deċiża minn din /il-Qorti fit-**8 ta' Ġunju, 2021**. (App. Ċiv. 1120/10/2) §15, u ***'Il-Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2019** (App. Ċiv. 322/17/1) §31.
[41] Ara: G. Mercieca, *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni ta' Sentenzi* (PEG Publications,2005) f'paġni 144 u 145.

filwaqt li fis-sitt eċċezzjoni ntqal li l-azzjoni tal-appellanti ma setgħetx tirnexxi għaliex bil-liġijiet tas-suċċessjoni f'Malta, il-werrieta tal-ġid immobbli f'Malta kienet l-appellata. Fil-fehma tal-Qorti dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma relevanti u direttament marbuta mal-mertu tat-tilwima mressqa mill-appellanti u għalhekk din setgħet leġittimament tressaqhom bħala oppożizzjoni għat-talbiet tal-appellanti. Wara kollox m'hemm xejn fil-liġi li seta' jżomm lill-appellata milli tressaq eċċezzjoni ta' dik ix-xorta, u kemm hu hekk, l-appellanti la jsostnu l-argumenti tagħhom b'xi referenza lejn il-ġurisprudenza, u wisq anqas lejn il-liġi;

45. Fl-aħħar nett, għandu wkoll jingħad li huwa kollu ta' xejn li l-appellanti qed jippruvaw jagħmluha tal-avukati ta' kulħadd billi jargumentaw li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jista' jkollha konsegwenzi serji fuq il-jeddijiet ta' terzi. Kif inhu misjub fl-Artikolu 237 tal-Kap. 12. tal-liġijiet ta' Malta, "*[i]s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza*", u b'hekk lanqas ma huwa l-każ li s-sentenza appellata tista' tirfes fuq il-jeddijiet ta' terzi;

46. It-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll **miċħud**;

***Deċide:***

47. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti filwaqt li tordna t-tneħħija mill-atti tad-dokumenti li tressqu mill-appellanti flimkien mar-rikors tal-appell, taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi **tiċħdu** u b'hekk **tikkonferma għal kollox** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u

48. Tordna li l-**ispejjeż tal-ewwel istanza** jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li **l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell** għandhom iħallsuhom l-appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da